Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (Eur Law)
Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur David Saliba)

vs

Louis sive Horace Cassar

Illum 26 ta' Settembru, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Louis sive Horace Cassar, iben Joseph u Lorenza nee' Brincat, imwieled fl-1 ta' Awissu, 1962 u detentur tal-karta tal-identita Nru 507162M li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli mill-Marsa nhar it-18 ta' Gunju, 1999 filghodu ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Triumph Herald bin-numru tar-registrazzjoni JAO-895 li hija stmata li tiswa aktar minn LM100 izda anqas minn LM1,000 u dan ghad-dannu

ta' Emanuel Vassallo minn Hal-Luqa, liema serq huwa kkwalfikat bil-mezz, valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

Ukoll talli fit-18 ta' Gunju 1999, fi Triq Mater Boni Consigli, Rahal Gdid ghall-habta ta' 11.00a.m. ikkometta serq ta' portmoni b'xi flus kontanti u dokumenti u oggetti ohra minn fuq il-persuna ta' Matilde Tabone, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza peress li l-imsemmija Matilde Tabone hija persuna li ghalqet l-eta ta' 65 sena, u dan ai termini tal-Artikolu 275 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli fit-18 ta' Gunju 1999, f'Ta' Qali ghall-habta ta' 1.00p.m. flimkien ma persuna ohra, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe serq ta' handbag minn fuq persuna jew persuni wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndependenti mill-volonta tieghu;

Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentament laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentament b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Fl-ahhar nett l-imsemmi Louis sive Horace Cassar gie akkuzat talli huwa recediv b'diversi sentenzi, liema sentenzi huma definitivi bid-data ta' 19.7.79 (Guri), 13.11.80 (Qorti tal-Appell), 26.1.81 (Guri), 4.2.94 (Qorti tal-Appell), 22.10.96 Awla 7, kif ukoll talli ikkommetta reat waqt il-perjodu operativ tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Magt. Dr. Miriam Hayman) nhar it-3.7.98;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha illi gew prodotti, id-dokumenti kollha illi gew esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, hlief ghall-ahhar imputazzjoni u dana waqt is-seduta tat-8 ta' Marzu, 2002;

Rat in-Nota tas-Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena;

Ikkunsidrat :

Illi fuq ammissjoni volontarja tal-istess imputat ghall-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba akkuzi migjuba kontra tieghu l-Qorti qeghda issib lill-istess imputat **hati** ta' dawn l-imputazzjonijiet; hlief ghar-raba' imputazzjoni, dik ta' ricettazzjoni u dana peress illi una volta li gie ippruvat ir-reat ta' serq dan ir-reat jeskludi r-reat ta' ricettazzjoni u dana wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 261(b), 261(c), 261(g), 263, 264, 265, 266, 267, 271, 278, 279, 280, 261(a), 262, 275, 276, 276(a), 277, 278 u 41 tal-Kap. 9.

Illi una volta li l-imputat gie misjub hati tal-ewwel tlett imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu kif intqal u gie liberat mir-raba' imputazzjoni u cioe' dik ta' ricettazzjoni, l-Qorti issa sejra tghaddi biex tikkonsidera l-hames imputazzjoni.

Illi d-difiza tikkontendi illi la darba l-Qorti tal-Appell Kriminali varjat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati u dana b'referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, preseduta mill-Imhallef Patrick Vella, moghtija fil-25 ta' Settembru, 2001 fl-ismijiet il-Pulizja kontra Louis sive Grezzju sive Horace

Cassar, id-difiza ghaldaqstant tikkontendi illi l-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu provvediment skond l-Artikolu 28B (2)(a) tal-Kap 9. Id-difiza qeghda tikkontendi wkoll illi una volta l-Qorti tal-Appell Kriminali issostitwiet il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza, allura dan il-perjodu operativ gie li ma jkoprix aktar il-perjodu meta issuccedew l-akkuzi li bihom jinsab akkuzat l-imputat. Ghaldaqstant il-Qorti ma tistax skond id-difiza tordna li s-sentenza sospiza tiehu effett fil-konfront tal-istess imputat.

Illi minghajr pregudizzju ghal dan kollu id-difiza titlob ukoll illi l-Qorti tikkunsidra l-Artikolu 28B (2) (a) tal-Kap. 9 fis-sens illi jekk il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi kollha tal-kaz ma jkunx gust li tordna illi s-sentenzi sospizi jiehdu effett hi tista fid-diskrezzjoni taghha tastjeni milli taghti l-provvediment opportun fejn taghti effett lis-sentenza sospiza.

Illi l-Prosekuzzjoni dwar dan il-punt tissottometti illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ibbazata fuq il-kaz illi kellha quddiemha l-Qorti dakinhar u ghalhekk dik is-sentenza ghandha tapplika biss ghal dawk il-proceduri, liema proceduri ma ghandhom bl-ebda mod jinfluenzaw xi Qorti ohra jew proceduri ohrajn pendenti quddiem il-Qrati taghna. Il-Prosekuzzjoni tissottometti illi l-Qorti ghandha tapplika l-provvedimenti tal-ligi u tordna illi s-sentenzi sospizi

ikollhom effett u jibdew japplikaw fil-konfront tal-imputat odjern. Il-Prosekuzzjoni tissottometti wkoll illi l-legislatur fir-rigward tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 kellu f'mohhu biss li persuna li tkun ikkommettiet reat jista jinghata cans iehor darba biss sabiex jirriforma hajtu u fil-fatt il-Ligi tipprovdi illi sentenza sospiza ma tistax terga tinghata jekk il-persuna tkun recidiv, taht 'probation order' li ghadha operattiva, jew inkella ghandu xi 'conditional discharge'.

Illi l-Qorti tibda billi tiddikjara fl-ewwel lok illi m'huwiex minnu dak illi qeghda issostni d-difiza illi l-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza taghha, ordnat illi l-perjodu operattiv tas-sentenzi sospizi jerga' jibda isehh mis-sentenza tal-appell. Kuntrarjament, dik il-Qorti kienet issostitwiet iz-zewg sentenzi sospizi b'ordni ta' 'probation' taht l-Artikolu 5 tal-Kap. 152, kif jirrizulta mill-istess sentenza illi tinsab esebita a fol. 199 sa fol. 205 tal-process.

Illi l-Qorti sejra taghmel referenza ghall-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali komposta mill-Prim Imhallef Dr Joseph Said Pullicino u mill-Imhalfin Dr Carmel Agius u Dr Joseph D Camilleri datata 4 ta' Awissu, 1999 fl-ismijiet "Ivan Fenech kontra Avukat Generali" illi proprju trattat il-punt dwar jekk Qorti tistax tordna illi sentenza sospiza tigi fis-sehh meta dan il-punt ikun diga' gie b'xi mod trattat minn Qorti ohra.

Illi l-Qorti f'dik is-sentenza kienet qalet proprju hekk :

*"Il-fatt li persuna tigi trattata dwar sentenza sospiza u l-Qorti tiddeciedi li testendi l-perjodu operattiv tas-sentenza ma jipprekludiex Qorti ohra li issib lill-istess persuna hati ta' reat iehor kommess fil-perjodu operattiv originali tas-sentenza sospiza milli tirrendi operattiva dik is-sentenza sospiza. Altrimenti naqghu fl-assurd li l-Qorti dehrilha li kellha testendi l-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ghaliex ir-reat iehor sussegwenti kien jikkonsisti fi hsara volontarja, Qorti ohra li issib hati lill-istess persuna ta' omicidju volontarju kommess fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza ma tkunx tista tirrendi operattiva dik is-sentenza sospiza. Fil-fatt li Qorti tittratta darbtejn jew aktar dwar l-istess persuna in konnessjoni mal-istess sentenza sospiza ma hemm l-ebda element ta' 'ne bis in idem', anzi din hi haga mill-aktar normali. Dik il-persuna tkun giet ipprocessata darba ghar-reat li dwaru inghatat is-sentenza sospiza. Meta l-Qorti terga titratta dwaru in konnessjoni mal-istess sentenza sospiza ma tkunx qeghda tipprocessah mill-gdid ghar-reat originali, kull ma tkun qeghda taghmel tkun li qeghda tezamina jekk il-kundizzjoni ghas-sospenzjoni tas-sentenza gietx miksura u fl-eventwalita li tirriskontra tali ksur ma hemm xejn fil-ligi x'jipprekludiha milli tirrendi opperattiva dik is-sentenza anke jekk Qorti ohra dwar reat differenti*

*kommess fil-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza dehrilha li in virtu tan-natura ta' dak ir-reat differenti ma kellhiex tirrendi operattiva is-sentenza u minflok dehrilha li kellha testendi dak il-perjodu operattiv. Anqas f'dan l-eghmil ma hemm l-ebda element ta' 'ne bis in idem'."*

Illi l-Qorti Kostituzzjonali spjegat sew u car hafna il-posizzjoni legali f'kaz bhal dan u kompliet tghid hekk :

*"Biex taghmilha cara din il-Qorti mhuwiex qieghed jinghad illi meta jkun hemm vjolazzjonijiet multipli u mhux fl-istess kuntest ta' zmien u kawzi ta' ordni ta' sentenza sospiza f'kull kaz ghandha tigi applikata s-sanzjoni kontemplata mill-ligi billi s-sentenza sospiza tigi attivata aktar minn darba. Infatti qed taghmilha cara din il-Qorti illi una volta attivata s-sentenza sospiza minhabba li jkun gie kommess reat punibbli bi prigunerija fil-perjodu operattiv taghha l-istorja tieqaf hemm anke jekk jirrizulta li fl-istess perjodu operattiv gew kommessi vjolazzjonijiet konsistenti f'reati ohra punibbli bi prigunerija, jigifieri una volta stabbilit il-ksur, una volta stabbilit li gie kommess reat iehor punibbli bi prigunerija fil-kors tal-perjodu operattiv tal-ordni tas-sentenza sospiza jekk minhabba f'hekk dik is-sentenza sospiza tigi attivata certament m'huwiex il-kaz li f'kazijiet sussegwenti fejn ic-cirkostanzi huma simili, cioe' fejn jirrizulta ksur tal-istess sentenza sospiza, jerga jigi ri-attivat dak li fil-fatt huwa gja*

*attivat. Dana johrog mhux biss bhala esercizzju ta' logika, imma anke minn dak li jipprovdi l-Artikolu 28B (1) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi kif gej :*

*"Meta persuna tinsab hatja ta' reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija li jkun sar matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza u / jew tkun instabet hatja minn jew quddiem Qorti kompetenti skond l-Artikolu 28C li titratta l-ahhar rigward tas-sentenza sospiza, jew sussegwentement tidher jew tingieb quddiem dik il-Qorti f'dak il-kaz, <u>hlief jekk is-sentenza tkun diga bdiet isehh</u>, dik il-Qorti ghandha tordna li s-sentenza sospiza ghandha tibda issehh."*

Illi dak illi gara fil-Qorti tal-Appell Kriminali meta tat is-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija kontra Louis sive Grezzju sive Horace Cassar" fil-25 ta' Settembru 2001, kien illi dik il-Qorti dehrilha illi ma kellhiex tordna illi z-zewg sentenzi sospizi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-2 ta' Ottubru 1996 u fit-3 ta' Lulju 1998 fil-konfront tal-imputat odjern kellhom jibdew isehhu u ghamlet minflok ordni ta' probation fil-konfornt tal-imputat odjern, u peress illi dehrilha hekk, dawn is-sentenzi sospizi <u>qatt ma gew attivati</u>. Ghaldaqstant il-posizzjoni kif spjegata mill-Qorti Kostituzzjonali illum hija illi jekk il-Qorti jidrilha illi r-reati kommessi mill-imputat fuq imsemmi skond kif imsemmi fl-imputazzjoni odjerna huma reati punibbli bil-piena ta'

prigunerija u gew kommessi matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza allura din il-Qorti tista liberament tordna illi dik is-sentenza sospiza ghandha tibda issehh fil-konfront tal-imputat odjern.  Il-Qorti jidhrilha illi l-posizzjoni hija cara daqs il-kristall mill-punto di visto legali dwar dan il-punt u ghalhekk dwar dan sejra tieqaf hawn hekk.

Ikkunsidrat :

Illi effettivament jirrizulta illi r-reati in kwistjoni huma punibbli bil-piena ta' prigunerija, jirrizulta ukoll illi tali reati gew kommessi waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-3 ta' Lulju 1998.

Illi f'din il-hames imputazzjoni l-imputat jinsab ukoll akkuzat illi huwa recidiv b'diversi sentenzi, liema sentenzi huma definittivi.

Illi jirrizulta illi l-prosekuzzjoni esebiet dawk is-sentenzi imsemmija fl-imputazzjoni u saret il-prova tal-identita dwarhom.  Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9, tara illi jirrizulta illi l-imputat huwa recidiv ai termini tal-Ligi.

Illi jibqa' ghalhekk illi l-Qorti tara x'piena sejra tapplika f'dan il-kaz. Pero' qabel ma taghmel dan il-Qorti sejra tezamina c-cirkostanzi ta' kif gew kommessi r-reati li bihom jinsab akkuzat l-imputat.

Illi l-imputat ammetta mal-pulizija illi fil-jum, hin u lok kif imsemmi fl-imputazzjoni huwa kien seraq vettura tal-ghamla Triumph mill-Marsa, kien ghaddej b'cavetta, fetah il-karozza u saqha. Huwa u sejjer lejn il-Pjazza ta' Rahal Gdid ra mara li kellha 'handbag'. Din il-mara kienet anzjana u huwa irnexxielu jigbed il-'handbag' minn fuq din il-mara. Mistoqsi mill-pulizija ghalfejn kien ghamel hekk l-imputat wiegeb illi huwa ghandu l-vizzju tad-droga u jara kif ser jakkwista lira. Illi din l-istqarrija ittiehdet fl-20 ta' Gunju 1999. Meta gie intercettat mill-pulizija, wara li kien ikkommetta dan ir-reat u wara li ukoll kien seraq il-'handbag' minn fuq il-persuna anzjana, l-imputat neza parrokka sewda li giet elevata mill-pulizija.

Illi l-mara anzjana vittma ta' dan ir-reat ma xehditx f'dawn il-proceduri, pero' xehdet Louise Vella, illi fil-gurnata in kwistjoni kienet prezenti meta Matilde Tabone, il-mara anzjana, giet misruqa mill-imputat. Louise Vella xehdet li Matilde Tabone hija mara totalment ghamja u hija dakinhar kienet akkumpanjatha sal-knisja ta' Rahal Gdid sabiex l-

anzjana tisma l-quddiesa.  Vella kompliet tixhed illi din il-mara anzjana kienet timxi bil-mod hafna, hija semghet maghha l-quddiesa tal-ghaxra u wara kienu waqfu jixtru f'xi hanut, damu xi hames minuti u baqghu nezlin.  Vella xehdet illi kienet miexja ma din il-mara anzjana labranzetta u f'mument minnhom giet karozza fuqhom sfrenata ta' lewn blu, harget id minn din il-vettura, messet il-mara anzjana, messitha fuq koxxitha, umbaghad f'daqqa wahda l-id telghet u hatfitilha il-baskett.  Vella xehdet illi kienet baqghet mal-mara anzjana peress illi din l-anzjana kien hassha hazin wara u xehdet ukoll li kien hemm ragel faccata li ra l-incident jigri u li ta n-numru tar-registrazzjoni tal-vettura illi minnha kienet harget dik l-id li serqet il-'handbag' tal-mara anzjana lill-pulizija.

Illi telghu diversi xhieda f'dawn il-proceduri illi qalu illi l-imputat beda u ittermina b'success programm ghar-riabilitazzjoni mid-droga u dana wara illi kien inghata s-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-2001.  Il-Qorti semghet ukoll illi l-imputat jghix ma mara u ghandu tifel minnha u illi illum il-gurnata huwa jahdem regolarment.

Illi l-Qorti ezaminat il-fedina penali tal-imputat illi hija wahda allarmanti ferm u tikkonsisti f'xejn anqas minn disa' faccati u

ezaminat ukoll is-sentenzi illi gew moghtija fil-konfront tal-imputat mill-Qrati taghna.

Illi fis-sentenza taghha tat-13 ta' Novembru 1980 il-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imhallef Oliver Gulia kienet qalet hekk :
*"Il-Qorti irriflettiet dwar dan il-kaz u l-kondotta precedenti tal-appellant. L-appellant huwa ta' eta' relattivament zghira izda l-fedina penali tieghu ezaminata sewwa u l-okkorrenzi attwali li taghhom instab hati ma jaghtux l-affidament mehtieg biex din il-Qorti terga taghti t-tieni 'chance' lill-appellant. Din il-Qorti hija konvinta illi l-Onorabbli Qorti ta' prima stanza ghamlet ir-retta valutazzjoni tac-cirkostanzi kollha fl-applikazzjoni tal-piena minnha inflitta u mhuwiex il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata minn dik il-Qorti fir-rigward."*

Ghaldaqstant il-Qorti kienet permezz ta' din is-sentenza ikkonfermat is-sentenza appellata u kienet ikkundannat lill-imputat, inter alia, ghal seba' xhur prigunerija.

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imhallef Carmel Agius f'sentenza moghtija fl-4 ta' Frar, 1994 fil-konfront tal-imputat odjern ikkunsidrat dwar il-piena ic-cirkostanzi kollha tal-kaz specjalment il-fatt illi dan l-imputat kien l-istigatur u l-

mohh wara dawn ir-reati kollha, kif ukoll il-fatt li l-modus operandi tieghu kien dejjem l-istess u li l-vittmi principali tieghu kienu nies anzjani li bil-mod u metodu ta' kif kienu qed jigu misruqin ftit jew xejn setghu joffru xi forma ta' rezistenza u wara li rat il-fedina penali xejn nadifa tal-imputat minn fejn irrizulta li fl-1979 meta kien ghad ghandu 17 il-sena hu kien ghadda guri fil-Qorti Kriminali fejn inghata l-opportunita biex jirriforma ruhu billi gie liberat bil-kundizzjoni taht l-Artikolu 9 tal-allura Att X11 tal-1957 ghal zmien tlett snin, jidher li dan l-imputat minkejja din l-opportunita lilu moghtija baqa xorta wahda jisraq bl-istess mod ta' "snatch and grab". Il-Qorti f'dan il-kaz kienet iddecidiet illi l-piena adegwata kienet biss dik ta' prigunerija.

Illi permezz ta' sentenza moghtija fit-22 ta' Ottubru, 1996 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-imputat odjern kien gie ikkundannat ghall-prigunerija ta' sentejn, izda l-Qorti kienet ordnat li dik is-sentenza ma kellhiex tibda isehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' snin huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' pringunerija.

Illi fit-3 ta' Lulju, 1998 il-Qorti tal-Magistrati kien dehrilha illi ghall-ahhar darba l-imputat kellu jinghata opportunita ohra biex jirradrizza hajtu u kienet ikkundannatu ghall-piena ta'

prigunerija ta' tnejn u ghoxrin xahar sospizi ghal erba' snin. Kienet ukoll poggiet lill-imputat taht ordni ta' supervizzjoni ghall-perjodu ta' sentejn minn dik id-data, jigifieri mit-3 ta' Lulju, 1998. Illi dakinhar il-Qorti kienet waslet ghal din il-piena peress illi kienet ikkunsidrat illi l-avukat difensur tal-imputat kien irregistra u ghamel enfazi kbir fuq il-fatt illi l-imputat kien biddel hajtu, kien izzewweg u anke kellu tarbija u kien ghalhekk illi l-Qorti kien dehrilha illi kellha taghti din l-ahhar opportunita lill-imputat.

Illi permezz ta' dik is-sentenza il-Qorti kienet irrilevat illi sentenza sospiza bhal ordni ta' probation jew ta' liberazzjoni kundizzjonata kellha tigi applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola u kien dehrilha dakinhar illi l-imputat kien irnexxielu jibdel hajtu u ghalhekk tatu l-ahhar opportunita sabiex jirriforma hajtu u sabiex jibqa sejjer fit-triq it-tajba peress illi l-imputat odjern kien irnexxielu jikkonvinci lil dik il-Qorti illi kien bniedem irriformat.

Illi gara pero' illi hdax il-xahar biss wara li inghata dik is-sentenza sospiza u waqt il-perjodu li matulu huwa kien taht l-ordni ta' supervizzjoni l-imputat ikkommetta r-reati odjerni.

Illi l-Qorti tibda billi tghid illi serq minn fuq persuna anzjana, persuna illi ghalqet l-eta ta' 65 sena huwa reat despikabbli u

orrend ferm, tant illi l-legislatur taghna emenda l-ligi sabiex b'effett minn l-1 ta' Mejju ta' din is-sena dan l-aggravju ikun japplika wkoll meta l-persuna anzjana tkun ghalqet is-sittin sena.

Illi l-vittma f'dan ir-reat kienet, kif diga intqal, mara anzjana illi kienet qeghda tirritorna d-dar mill-quddiesa akkumpanjata minn mara ohra peress illi l-anzjana kienet ghamja, hija kienet ghaddejja ghall-affari taghha mit-triq, ghadda l-imputat, hatfilha l-baskett minn idejha u baqa' sejjer. Illi b'konsegwenza ta' dan, l-anzjana hassha hazin tant li lanqas biss felhet tmur sal-ghassa u kienet il-mara illi akkumpanjata illi eventwalment irrappurtat lill-pulizija dak illi kien gara.

Illi l-Qorti f'dan il-kaz inkarigat lill-Ufficjal tal-Probation Maryanne Zammit sabiex thejji pre-sentencing inquiry report fil-konfront tal-imputat odjern. Illi fil-konkluzzjonijiet taghha li jinsabu a fol. 178 tal-process Maryanne Zammit irrilevat illi l-fedina penali tal-imputat hija wahda infelici ferm, "l-imputat ghadda hajja ta' irresponsabbilta totali fejn halla l-problemi jirkbuh fosthom dawk tad-droga li hija l-aktar problema li waslitu sabiex jikser dufrejh mal-Ligi." Miss Zammit irrilevat ukoll li hemm fatturi ohrajn illi ghandhom jigu ikkunsidrati. "Dawn huma l-fatti u sorsi ta' informazzjoni li jixthu dawl gdid fuq il-hajja ta' din il-persuna." Hija qalet illi jidher illi l-imputat

ghamel sforz biex jeghleb il-problema tad-droga permezz ta' programm ta' riabilitazzjoni. Hija qalet illi jidher illi meta l-imputat tpogga taht supervizzjoni hu wera rieda tajba. Minn naha l-ohra qalet Miss Zammit certi vizzji jridu jigu eliminati kompletament biex iharsu l-gid tal-kommunita. "Il-vittmi huma minoranza li lanqas ghandhom vuci u b'hekk ghandhom jigu protetti u kompensati."

Illi din il-Qorti jidhrilha u dana <u>bl-akbar responsabbilita</u> u wara illi qieset il-fatti kollha ta' dan il-kaz u fliet u ezaminat sew u bir-reqqa l-atti kollha processwali illi l-imputat ghandu jinghata <u>piena karcerarja</u> ghar-reati kommessi minnu.

Illi mhijiex l-ewwel darba illi l-imputat irnexxielu jikkonvinci lill-Qrati taghna illi huwa kien irriforma hajtu, illi kien qieghed jghix hajja stabbli ma mara u li ghandu tifel. Issa "<u>jidher</u>" illi l-imputat gheleb il-problema tad-droga. Madanakollu jirrizulta mill-atti processwali illi l-imputat kellu u ma nafux jekk ghadx ghandu il-vizzju tal-loghob, vizzju illi wkoll jirrikjedi u jitlob hafna flus.

Illi l-imputat inghata bizzejjed opportunitajiet mill-Qrati taghna sabiex jirrifoma ruhu, u dejjem rega' waqa' ghall-kriminalita'.

Illi l-Qorti ma tistax teskludi l-probabbilita' illi l-imputat ghalissa qieghed joqghod attent sa kemm tinqata din is-sentenza sabiex umbaghad Alla hares qatt jerga jibda bil-hajja kriminali tieghu u dana peress illi jaf illi dejjem b'xi mod jew iehor jirnexxielu jiskansa l-habs.

Illi l-fatt illi l-imputat irnexxielu jeghleb il-vizzju tad-droga l-aktar illi ser jibbenefika huwa lill-istess imputat. L-imputat ghandu d-dmir lejh innifsu, kif ukoll lejn is-siehba tieghu u lejn it-tifel illi ghandu illi ma jergax jaqa' fil-vizzju tad-droga. Illi sfortunatament id-droga tinsab kullimkien u ma hemm l-ebda garanzija illi l-imputat, jekk jibqa liberu, ma jergax jaqa f'dan il-vizzju u kif diga intqal ukoll ma nafux x'sar mill-vizzji l-ohra li isofri minnhom l-imputat.

Illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument l-imputat illum il-gurnata ma jbaghti mill-ebda vizzju din il-Qorti trid toqghod attenta ferm li ma jinholoqx xi precedent jew xi drawwa kerha fejn persuna tikkommetti diversi reati orrendi bhal kaz odjern ta' serq minn fuq persuna anzjana, persuna indefiza illi kienet miexja ghall-affari taghha, giet misruqa u li l-hajja taghha certament ma baqghetx l-istess wara dan ir-reat, umbaghad jaghmel programm ghar-riabilitazzjoni mid-droga u talli jkun ghamel dan il-programm u itterminah b'success huwa jehles mill-piena tal-habs.

Illi huwa minnu li l-Qorti trid taghti kull opportunita lil min verament juri illi jixtieq jeghleb dan il-vizzju. Illi pero' jirrizulta kif diga intqal illi l-imputat diga inghata diversi opportunitajiet, diversi "chances" mill-Qrati taghna, u dejjem rega' waqa' ghall-vizzji li kellu.

Illi jekk verament l-imputat irriabilita ruhu mid-droga allura huwa ser jibqa hekk riabbilitat u ghandu jiehu din l-opportunita sabiex jirrifletti fuq id-deni kbir illi ikkaguna lis-socjeta', jirrifletti sew dwar dak illi ghamel, jahseb ftit dwar id-diversi vittmi sfortunati tieghu u johrog mill-habs persuna verament riformata.

Illi meta tigi biex tapplika l-piena, Qorti ma tistax thares biss l-interessi ta' l-imputat u taghlaq ghajnejha ghall-interessi tas-socejta' u tal-vittmi ta' dak l-imputat.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti qeghda tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi, misjub hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghall-prigunerija ta' tlett snin u dana wara li l-Qorti rat l-Artikolu 31, 261(b), 261(c), 261(g), 263, 264, 265, 266, 267, 271, 278, 279, 280, 261(a), 262, 275, 276, 276(a), 277, 278 u 41 tal-Kap. 9.

Il-Qorti tordna, wara li rat ukoll l-Artikolu 28B(1) tal-Kap. 9, illi s-sentenza sospiza moghtija tal-Qorti tal-Magistrati fit-3 ta' Lulju, 1998 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur David Saliba) kontra Louis sive Horace Cassar u Brian Muscat ghandha tigi fis-sehh fil-konfront tal-imputat fuq imsemmi.

Il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat mir-raba imputazzjoni migjuba kontra tieghu peress illi, kif diga' intqal, din ma tirrizultax.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur
Vera kopja,

Deputat Registratur